Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Romina Bezzina

vs

Seamless

CCT 139/16 MS

7 ta' Novembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat fit-12 ta' Lulju 2016, fejn l-attrici talbet ir-rifuzjoni ta' €450.00 bhala parti mill-prezz u kumpens wara hsara illi sarilha fil-wicc tal-kcina mixtri minghand is-socjeta' intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata prezentata fit-18 ta' Lulju 2016 fejn l-allegazzjonijiet tal-attrici gew michuda fis-sens illi jekk saret xi hsara fil-wicc tal-kcina, dana kien tort tal-istess attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza; sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' fattura datata 25 ta' Jannar 2016, l-attrici xtrat minghand is-socjeta' intimata, wicc tal-kcina quartz bil-prezz ta' elf seba mija u tletin Euro u tmienja u tletin centezmu (€1,730.38).

Is-socjeta' intimata installat il-wicc tal-kcina u twahhal ukoll is-sink u kollox thalla kif suppost. Is-socjeta' intimata esebiet ritratt numru 1, fejn jidher dan il-wicc installat bis-sink u *cooker/hob*. Ma jidhru l-ebda difetti f'dan ix-xoghol.

It-Tribunal jirrimarka pero' illi taht is-sink jidher post vojt fejn eventwalment kellha tidhol xi appliance. Ma rrizultax ezatt meta ddahhal dan l-appliance, pero f'Gunju 2016 l-attrici ilmentat illi l-wicc faqqa u nqasam kif jidher mir-ritratti. Ghal din il-hsara l-attrici tefghet ir-responsabbilta' fuq is-socjeta' intimata peress li dehrilha illi s-sink kien issikat wisq mal-quartz. Il-kumpanijia intimata irrifjutat din l-allegazzjoni u qalet illi x-xoghol taghha ghamlitu skond l-arti u s-sengha.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota diskrepanza serja fix-xhieda tal-attrici. Quddiem dan it-Tribunal xehdet li l-quartz twahhal f'Jannar 2016 (Xhieda 5 ta' Settembru 2016). Fix-xhieda taghha esebita mal-avviz qalet li ftit wara li gie installat gabet plumber/ electrician biex jara x'hemm bzonn jixtri biex iwahhal il-pajpijiet tas-sink u xi plakek tal-elettriku. L-attrici tghid li dan il-plumber/electrician mal-ewwel irrimarka li s-sink huwa sikkat wisq mal-quartz u fil-fatt tlett ijiem wara inqasam mill-idjaq parti tieghu. Dan it-timeline ipoggi l-hsara nettament f'Jannar 2016, pero fix-xhieda taghha

quddiem dan it-Tribunal (5 ta' Settembru 2016), l-attrici tghid 'f'Gunju sibt illi kien maqsum ....' minghajr ebda referenza ghal dan il-plumber/electrician. Dan zgur illi ma kien 'ftit wara'.

L-attrici tghid ukoll illi din il-kcina ma kenitx ged tigi uzata peress illi ma kenitx qed toqghod f'dan il-fond. Dan jista' jkun pero' jekk il-hsara saret f'Jannar 2016 kif qed tghid l-attrici fl-avviz taghha, dan it-Tribunal difficli jemmen illi ndunat b'dan sitt xhur wara, meta kienet assidwa daqshekk tikkomunika mas-socjeta' intimata biex isewwu l-hsara.

Illi sabiex l-attrici tirnexxi fl-istanza taghha trid tipprova almenu fuq bazi ta' probabbilita' illi s-socjeta' intimata ma kenitx professjonali fix-xoghol taghha u l-quartz ma twahhalx skond l-arti u s-sengha.

It-Tribunal jidhirlu illi dan il-livell ta' prova ma ntlahaqx. Ir-ritratt numru 1, illi ttiehed allura f'Jannar 2016 meta x-xoghol tlesta, il-wicc jidher shih minghajr difetti, mentri r-ritratti ezebiti mill-attrici igibu d-data Gunju u Lulju 2016. Kieku verament il-hsara saret 'ftit wara' ma kenitx se ddum daqshekk biex tirraporta u tilmenta mas-socjeta' intimata.

Mhuwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal illi jindaga u jfittex kif setghet grat din il-hsara peress illi hawnhekk qeghdin fil-kamp ipotetiku li m'ghandux postu f'Tribunal tal-provi.

Ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu illi l-attrici ma rnexxielhiex tipprova fil-grad li trid il-ligi illi l-hsara saret tort tas-socjeta' intimata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tal-attrici, bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru